MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru 565/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**KONTRA**

**MARIO FARRUGIA**
**MARY ANNE-FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario Farrugia ta' 50 sena, bin Carmel u Jane nee' Stafrace, imwieled il-Belt Valletta nhar l-24 ta' Dicembru, 1951, residenti fil-fond 79, Flat 4, Triq Sant Ursola, jew 201, Triq ir-Repubblika, Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 42052M;
Mary Anne Farrugia ta' 42 sena mart Mario, bint Carmel u Rosaria nee' Agius, imwielda Tal-Pieta' nhar l-10 ta' Awwissu, 1959 residenti fil-fond numru 79, Flat 4, Triq Sant'Ursola, jew numru 201, Triq ir-Repubblika, Belt

Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 516359(M);

Akkuzati talli nhar il-11 ta’ Mejju, 2002 ghall-habta ta’ xi 7.30pm, fil-Belt Valletta:

1. Volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara fin-nuccali tal-vista ta’ Elaine Siegler, liema hsara hija aktar minn Lm50.00 (hamsin lira maltin), izda mhux inqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin) ghad-dannu tal-istess Elaine Steigler u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ Elaine Siegler mill-Belt Valletta f’periklu car, ikkagunaw ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Elaine Siegler, skond kif iccertifika Dr Adrian Agius MD, u Dr Alec Lapira MD tal-Isptar u dan bi ksur tal-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli kkaguna feriti fuq Elaine Siegler skond kif iccertifika Dr Adrian Agius MD, liema feriti igibu mard tal-mohh jew tal-gisem li jdumu ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien, zamm lil offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli hebbew ghal Victor u Lilian Pace Moore u ta’ Elaine u Bernd Siegler, sabiex jinsulentawhom, iwegghuhom, jew jaghmlulhom hsara u

dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U kif ukoll talli bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh ta' Victor u Lilian Pace Moore u ta' Elaine u Bernd Sielger wegghuhom bi kliem, gesti jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 325(b), 214, 216(1)(d), 338(dd), 338(bb), 339(d), 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmija imputati Mario Farrugia u Mary Anne Farrugia hatja tar-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), u s-seba' (7) imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontriehom, u ghaldaqstant tilliberahom minnhom;
Izda ssibhom hatja tal-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) imputazzjoni hekk kif dedotti kotnriehom, izda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xahar, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------